# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Nru **1425/2023 (AD)**

**Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 1392/2022 fl-ismijiet:**

## Raymond Fenech

**VS**

## Charmaine Zammit et

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali dwar talba ta Charmaine Zammit magħmula ai termini tal-artikoli 836(1)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għar-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1392/2022;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors preżentat nhar it-tmintax (18) ta' Ottubru 2022, Raymond Fenech talab li jinhareg mandat ta' inibizzjoni kontra Charmaine Zammit u kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eredi mhux maghrufa ta'

Silvio Zammit fejn sabiex jikkawtela kreditu li kien jeccedi l-€11,646.86 talab li huma jinzammu milli jbieghu, jitrasfweixxu, inehhu jew jiddisponu inter vivos sew b'titolu oneruz jew grtwit kull propjeta u b'mod partikolari il-fondi bin-numri 55,56 u 57, Ikoll  gewwa Triq San Frangisk, Tas-Sliema Malta;

3. Din il-Qorti laqgħet it-talba ta' Raymond Fenech  sabiex jinħareġ il-mandat ta' inibizzjoni limitatament kontra Charmaine Zammit u limitatament ghall-postijiet 55,56 u 57 fi Triq San Frangisk Tas-Sliema. (mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju bin-numru 1392/2022 ) nhar it-tlieta (3) ta' Novembru 2022;

4. B'rikors preżentat nhar it-tmintax (18) ta' Dicembru 2023, Charmaine Zammit wara li premettiet li wara t-3 ta' Novembru 2022 ma giet intavolata l-ebda kawza kontriha mill-istess Fenech sabiex huwa jipprova iqieghed fiz-zgur il-jedd minnu msemmi fil-mandat ta' inibizzjoni de quo, talbet konferma illi l-mandat ta' inibizzjoni numru 1392/2022 fl-ismijiet Ramond Fenech vs Charmaine Zammit et m'ghadux aktar fis-sehh u li dan għandu għalhekk jiġi revokat ai termini tal-Artikoli 836(1)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. In oltre Charmaine Zammit talbet ukoll illi Raymond Fenech għandu jeħel penali ai termini tal-Artikoli 836(8) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Permezz ta' risposta preżentata nhar it-tmintax (18) ta' Jannar 2024, Raymomnf Fenech oppona ghat-talbiet maghmula minn Charmaine Zammit, u dan stante illi fil-mument li Zammit giet notifikata bl-ittra ufficjali maghmula minnu skond il-procedura tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiwet ta'' Malta huwa ma kellux il-htiega li jaghmel kawza skond l-Artikolu 843 tal-Kap. 12 stante li kien effetivament ottjena titolu ezekuttiv ezegwibbli b'rabta mal-istess kreditu kawtelat bl-inibizzjoni de quo. Huwa spjega li l-unika raguni ghaliex intalab il-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni in dizamina kien sabiex jikkawtela id-drittijiet tieghu ghall-perijodu ta' zmien sakemm saret in-notifika tal-kuntratti ta kostituzzjoni ta debitu skond l-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta Malta ghaliex fl-eventwalita' illi

Zammit kienet tilhaq tiddisponi mill-propjeta' kawtelata huwa kien ibaghti pregudizzju irrimedjabbli;

**Il-Qorti**

6. Wara illi rat id-dokumenti esebiti mill-partijiet u l-atti kollha preżentati;

7. Wara illi reġgħet rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Dicembru 2023 u semghat lill-partijiet waqt l-udjenza tat-1 ta' Jannar 2024 u rat l-r-rikors thalla ghall-provvediment kamerali;

8. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet.**

Din it-talba għal revoka ġiet magħmula ai termini tal-Artikolu 836(1)(a) tal-Kap 12.

**<u>Artikolu 836(1)(a) tal-Kap 12</u>**

9. L-art 836(1)(a) tal-Kap 12 jistabbilixxi illi l-att kawtelatorju jista' jiġi revokat fil-każ illi, *"l-att kawtelatorju m'għadux aktar fis-seħħ"*;

10. Ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Massimo Galea vs Emanuel Baldacchino***[1]:

> *Dan is-subartikolu jittratta każijiet fejn l-att kawtelatorju, li tiegħu tkun qed tintalab ir-revoka, m'għadux aktar fis-seħħ.*
>
> *Illi skont l-**artikolu 843(1) u (2) tal-Kap 12** li jistipula:*

[1] Rik Ġur Nru 224/2018, fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru 470/07, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 10 ta' Lulju 2018, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland (Emfasi tal-Qorti). Ara wkoll Rikors Nru 294/2018 fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 500/18, ***Unique Turnkey Limited ġia Unique Construction & Developers Limited vs Prime Care Limited***, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 27 ta' Ġunju 2018, Onor Imħ Silvio Meli

(1) *“Ir-rikorrent għandu jagħmel il-kawża għall-jedd imsemmi fil-mandat fi żmien għoxrin jum mill-ħruġ tal-mandat.”*

(2) *“Jekk is-sekwestrant jonqos milli jagħmel il-kawża mingħajr raġuni tajba, l-effetti tal-mandat jieqfu u huwa jkun responsabbli għad-danni u l-imgħaxijiet kollha.”*

*Illi b’referenza għall-***artikolu 836(1)(a)***, ġie ritenut mill-Qrati nostrali, fid-deċiżjoni fl-ismijiet* **Fahrenheit Freight Forwards Co. Ltd u Elaine Sant Galea vs Market Handle Limited u Celine Lee Bentley** *(deċiża fit-30 ta’ Diċembru 2011, Prim Awla, Rikors Numru 1067/2011(JRM)) li: “Din id-disposizzjoni hija marbuta mal-fatt li kull Mandat Kawtelatorju jrid ikun segwit minn azzjoni li titlob deċiżjoni fil-mertu dwar il-jedd pretiż imħares b’dak il-Mandat. Jekk min joħroġ Mandat jonqos li jressaq l-azzjoni meħtieġa fiż-żmien mogħti mil-liġi, il-Mandat jaqa’ hekk kif jgħaddi dak iż-żmien. Din hija normalment, l-unika waħda mis-sitt raġunijiet maħsubin fl-artikolu 836(1) fejn il-Qorti tista’ tilqa’ t-talba għat-tħassir tal-Mandat b’sempliċi kostatazzjoni mill-atti, għaliex kulma jkun irid isir hu li l-Qorti tara jekk tkunx tressqet il-kawża jew le.”*

11. Jirriżulta kemm ill-atti u senjatament mir-risposta ta’ Raymond Fenech li huwa ma prezentax il-kawza relattiva skond dak li jiddisponi l-Artikolu 843 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ghaliex deherlu li l-ispirtu tal-Artikolu 843 huwa ntiz sabiex att kawtelatorju jibqa’ fis-sehh biss ladarba jkun hemm proceduri sabiex potenzjalment il-kreditur jotjeni titolu ezekuttiv ezegwibbli mal-kreditu vantat u gjaladarba huwa kien otjena tali titolu ezekuttiv ezegwibbli brabta mal-istess kreditu kawtelat bl-inibizzjoni billi segwa l-procedura skond l-Artikoklu 256(2) tal-Kap. 12 allura ma kienx hemm il-htiega li ssir il-kawza. Il-Qorti jidrilha li l-Artikolu 843 tal-Kap. 12 jindika inekwivokabilment li sabiex il-mandat jibqa fis-sehh trid issir kawza ghall-jedd imsemmi fil-mandat fi zmien ghoxrin jum mid-data tal-hrug tal-mandat.

Din il-kawza ma saritx u ghlahekk il-mandat ta' inibizzjoni de quo ma jistghax jitqies li ghadu fis-sehh.

12. Għaldaqstant jirriżulta mill-atti stess illi **t-talba għar-revoka tal-mandat odjern ai termini tal-Artikolu 836(1)(a) ghandha tigi akkolta, u dan stante illi l-att kawtelatorju m'għadux fis-seħħ**.

**Kunsiderazzjonijiet dwar it-Talba għall-Ħlas ta' Penali u Danni**

13. Is-soċjeta' rikorrenti qiegħda titlob ħlas ta' penali ai termini tal-Artikoli 836(8) tal-Kap.12;

14. Ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***HSBC Bank Malta plc vs Jan Sammut***[2]:

> *Tajjeb jingħad li l-mandati kawtelatorji jinħarġu fuq ir-responsabilita' ta' min jitlob il-ħruġ tagħhom.*
>
> *Il-vessatorjeta' twassal għar-responsabilita'. Min ikun adixxa lill-Qorti għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju u jkun ibbaża t-talba fuq ċirkostanzi manifesti 'priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promossa si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle conseguenze giuridiche che ne derivano non è sufficiente a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nella lite' (sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXVI.I.405**). Il-vessatorjeta' timplika grad ta' kolpożita' u kattiverija. Twassal ukoll għal abbuż tad-dritt ta' azzjoni ġudizzjarja.*

15. In oltre, fid-digriet fl-ismijiet ***Office Group Limited vs Jamar Malta Limited*** suċitat, il-Qorti kompliet telabora dwar il-penali kif isegwi:

[2] Mandat Nru 1408/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Joseph Zammit McKeon, 2 ta' Lulju 2020

*Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi sabiex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi, iżda biżżejjed li tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż;*[3]

16. Fil-każ odjern Raymond Fenech ma jidhirx li kien in malafede fil-mument li ddecieda jitlob il-hrug tal-mandat kawtelatorju sabiex jikkawtela id-drittijiet tieghu ghall-perijodu t'a zmien sakemm saret in-notifika tal-kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu skond l-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12. Din il-Qorti hija sodisfatta illi Raymond Fenech ma kienx qed jabbuża mill-istitut tal-mandati kawtelatorji meta talab illi jinħareġ il-mandat odjern;

[3] Ara wkoll: ***Av Peter Caruana Galizia et vs Jorgen Fenech et*** (suċitata); ***Joseph Tabone vs Capece Construction Limited***, Rik Nru 67/2013 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru nru 1595/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Joseph R Micallef, 14 t'Aww'ssu 2013

17. Għaldaqstant, il-Qorti tiddikjara illi **ma tirriskontra ebda ċirkostanzi li trid il-liġi li jistgħu jiġġustifikaw l-imposizzjoni tal-penali fuq l-intimat Raymond Fenech;**

**Decide**

18. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tilqa' l-ewwel talba** tar-rikorrenti Charmaine Zammit u tikkonferma li l-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1392/22 fl-ismijiet 'Raymond Fenech vs Charmaine Zammit et'' m'ghadux fis-sehh u konsegwentement tordna r-revoka tieghu izda **tichad it-tieni talba** maghmula a tenur tal-Artikolu 836(8) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta Malta.

    Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra Raymond Fenech.

    **Digriet kamerali mogħti llum, tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar, 2024.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**